# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Frar, 2020.**

**Numru 2**

**Rikors numru 99/2017MCH**

**Fl-atti tal-medjazzjoni nru 544/2017**

**Lotino Borg Ritchel**

**v.**

**Edward Borg; L-Avukat Ġenerali**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell ad istanza ta' Edward Borg mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Qorti (*Sede Kostituzzjonali*) fid-29 ta' Jannar 2019 rigwardanti **referenza kostituzzjonali** mill-Qorti Ċivili (*Sezzjoni tal-Familja*), fejn iddikjarat li l-fatt li r-rapport tal-Avukat tat-Tfal

ġie issiġillat fuq ordni tal-Qorti Ċivili (*Sezzjoni tal-Familja*) ma jikkostitwixxix ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem (partikolarment id-dritt tas-smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem). Edward Borg permezz ta' dan l-appell qed jitlob lil din il-Qorti <u>tħassar u tirrevoka</u> l-imsemmija sentenza u tiddikjara li l-fatt li r-rapport tal-Avukat tat-Tfal ġie ssiġġillat fuq ordni tal-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) effettivament jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-bniedem għal smigħ xieraq taħt l-imsemmija artikoli.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ir-riferenza maghmula mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-10 ta' Jannar, 2018 sabiex il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tiddeciedi jekk il-fatt li r-rapport tal-avukat tat-tfal gie issiggillat fuq ordni ta' dik l-Qorti permezz ta' digriet tas-17 ta' Ottubru 2017 jikkostitwix ksur ta' Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u in partikolari d-dritt tas-smigh xieraq a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad- Drittijiet tal-Bniedem.
>
> "Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li tghid hekk:
>
> "Illi mid-digriet tat-12 ta' Jannar 2018 ma jirrizultax x'inhi tirreferi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u donnu l-Qorti ghamlet taghha, minkejja li l-Legislazzjoni Sussidjarja 12.09 tipprovdi mod iehor, it-talba ta' Edward Borg fejn fisser il-kwistjoni kostituzzjonali fis-sens li allegatament il-fatt li r-rapport tal-avukat tat-tfal gie ssigillat fuq ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) - liema ordni inghatat permezz ta' digriet tal-istess Qorti tas-17 ta' Ottubru 2017 - jikkostitwixxi ksur tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem in partikolari id-dritt tas-smigh xieraq a tenur tal- Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;
>
> "1. Illi preliminarjament l-esponent jecepixxi l-inapplikabbilita tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-

Drittijiet tal-Bniedem u dan peress illi l-fatti specie tal-kaz odjern ma jirrigwardawx disputa relatata ma' drittijiet jew obbligi civili u lanqas determinazzjoni ta' akkuza kriminali;

"Illi fil-kaz odjern il-partijiet ghaddejjin minn procedura ta' medjazzjoni fejn l-intiza taghha hija li l-partijiet jirrikonciljaw jew jekk le jaslu ghal ftehim bonarju. L-esponent jaghmel referenza wkoll ghas-sub-inciz (7) tar-Regolament 7 tar- Regolamenti dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Prim Awla tal-Qorti Civilli u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) fejn jinghad hekk:

> "Il-konjugi u l-persuni l-ohra kollha ma jkunu mehtiega li jiehdu ebda gurament u ma tistax tigi prodotta ebda prova quddiem xi Qorti dwar dak li jkun inghad quddiem il-medjatur fil-proceduri ta' konciliazzioni jew ta' medjazzjoni dwar xi proposta li huwa jew xi hadd iehor ikun ghamel waqt il-proceduri jew dwar ir-reazzjoni ta' xi konjugi minnhom ghal dawk il-proposti."

"Illi ghaldaqstant f dan l-istadju ma jistax jinghad illi ser jigu decizi xi drittijiet jew obbligi civili jew akkuza kriminali;

"2. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jeccepixxi wkoll l-intempestivita tal-kwistjoni odjerna. Illi l-iskop tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huma ntizi li jassiguraw li matul il-process gudizzjarju il-persuna in kwistjoni tkun inghatat smiegh gust fejn kellha l-garanziji kollha naxxenti mid-dritt sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u cioe opportunita xierqa illi tippartecipa b'mod effettiv fil-proceduri, tkun assistita, tressaq xhieda u taghmel sottomissjonijiet. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huma artikoli li jitrattaw l-procedura li tkun giet uzata sabiex il-Qorti tasal ghad-decizjoru taghha fl-intier taghha u dan sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm lezjoni tal-msemmija drittijiet fundamentali o meno. Ghaldaqstant huwa erronju li wiehed jiehu episodju partikolari u jishaq fuqu minghajr ma jara t-totalita' tal-proceduri. Jinghad hawnhekk illi sabiex ikun jista' jigi stabbilit jekk hemmx lezjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bneidem wiehed irid jezamina l-proceduri fit-totalita taghhom;

"3. Illi fil-mertu l-esponenti jissottometti li fil-kaz odjern ma jezisti ebda ksur ta' drittijiet fundamentali tal-Bniedem kif sanciti bil-Kostituzzjoni u bil- Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

"4. Illi l-irwol tal-avukat tat-tfal huwa sabiex jissalvagwardja l-interess suprem tal-minuri u huwa fl-ahjar interess tal-minuri u fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja illi dak li jghidu ma jkunx disponibbli ghall-partijiet izda jkun biss ghad-dispozIzzjoni tal-Qorti u dan sabiex it-tfal ma jkunux ikkondizzjonati fuq dak li jghidu u sabiex jigi accertat li ma jircievux xi ritorzjoni da parti tal-genituri taghhom. Dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi l-avukat tat-tfal gie mahtur sabiex jisma' lil minuri Elaine

Borg u sabiex ihejji rapport dettaljat dwar il-fatti wara allegazzjonijiet ta' abbuz fuq l-istess minuri;

"5. Illi jinghad ukoll illi ir-rapport ma huwiex disponibbli ghall-partijiet kollha u mhux biss ghal parti wahda u ghaldaqstant il-partijiet fil-proceduri qeghdin jigu trattati bl-istess mod u ebda parti mhu ser ikollha xi vantagg fuq parti ohra;

"6. Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma jaghtu ebda dritt lil xi parti fil-proceduri li jkollha access ghal xi dokument li b'xi mod jaffetwa terzi persuni, li f'dan il-kaz hija minuri. Illi l-ligi procedurali kif ukoll l-Konvenzjoni tal-Protezzjoni tat-Tfal tal- Gnus Maghquda (UNCRC) jipprotegu d-dritt tat-tfal li jinstemghu minn Imhallef jew gudikant fi kwistjonijiet fejn b'xi mod huma jkunu affettwati. Ghalhekk l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem iridu jigu nterpretati li jharsu d-drittijiet tal-minuri u dan fl-isfond tal-interess suprem taghhom fi kwistjonijiet fejn ikun hemm il-familja involuta;

"7. Illi jsegwi ghalhekk u fid-dawl tas-suespost ma jirrizulta ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent:

"Salv eccezzjonijiet ulteriuri.

"Bl-ispejjez.

"Rat ir-risposta ta Lotino Borg Ritchel li tghid hekk:

"1. Illi l-esponenti mhix il-legittima kontradittura fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti;

"2. Illi l-esponenti ma ghamlet xejn sabiex tat lok ghal ksur allegati tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u ta' Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"3. Illi l-esponenti ma tistax tinzamm responsabbli ghal xi ksur li seta sehh waqt il-proceduri tal-kaz in kwisjoni quddiem l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

"4. Illi l-esponenti ma ghandiex twiegeb ghat-talba tar-rikorrenti;

"5. Illi l-esponenti gentilment u umiljalment tecepixxi illi hija dejjem toqghod ghal-dawk l-ordnijet, li jkunu hargu mill-Onorabbli Qrati Maltin, u ghalhekk ma thossx li hemm xejn hazin li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tisigilla r-rapport tal-avukata tat-tfal;

"6. Illi l-esponenti taqbel li d-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, citati mil-esponenti ghandhom jigu esegwiti, dana kollu l-insinwazzjoni li l-esponenti gie b'xi mod imcahhad milli jara d-dokumenti prezentati fl-atti tal-medjazzjoni mhix korretta, u dan ghaliex l-intimat kellu kull

opportunita li jara kull dokument li gie pprezentat fil-mori tal-kawza in kwistjoni.

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti, fosthom l-atti tal-medjazzjoni in kwistjoni.

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet prezentati.

"**Provi**

"Fl-affidavit tieghu, Edward Borg ighid li hu ssepara minn martu fil-2017 u kellu jirrikorri l-Qorti biex jinghata access ghal bintu. Hu kien jinghata access meta kien ihallas il-manteniment u l-attitudini tat-tifla kienet issegwi dik ta' ommha. Ighid li gieli kien jara tbengil fuq it-tifla tieghu li gew kagjonati minn martu. Martu bdiet tinsinwa li hu kien isawwat lil bintu u allegat atti sesswali da parti tieghu fil-konfront tat-tifla. Ighid li hu qatt ma gie mismuh mill-avukat tal-minuri u ma jafx x'fih ir-rapport taghha peress illi gie sigillat mill-Qorti. Hu lanqas ma nghata udjenza mill-Qorti. Hi jrid jara r-rapport tal-avukat tal-minuri sabiex ikun jista jgib evidenza sabiex jirribatti dak li ntqal, jekk hemm bzonn. L-avukat semghet biss lill-minuri, u wara li dahhlet ir-rapport, il-Qorti naqsitlu l-access, ghalhekk perswaz li r-rapport hu kontra tieghu.

"**Fatti tal-kaz**

"Illi b'degriet tas-17 ta' Ottubru 2017 l-Qorti Civili (Sessjoni Familja) ordnat li r-rapport tal-avukat tat-tfal jigi minnufih issigilat (fol. 117).

"Illi b'rikors tal-31 ta' Ottubru 2017 Edward Borg talab lil dik il-Qorti biex taghmel referenza a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni sabiex jigi deciz jekk l-ordni tal-Qorti li tissigilla r-rapport kienx jikser id-drittijiet fundamentali tieghu in partikolari d-dritt ghal smigh xieraq.

"B'digriet tal-31 ta'Novembru 2017 il-Qorti Civili Sessjoni Familja laqghet it-talba u ordnat li ssir ir-referenza mitluba.

"Illi dina r-referenza qed tigi kkontestata mill-intimati.

"**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
"**Drittijiet jew obbligi civili**

"Illi l-intimat Avukat Generali eccepixxa li l-fatti specie tal-kaz odjern ma jirrigwardawx disputa relatata ma' drittijiet jew obbligi civili u lanqas determinazzjoni ta' akkuza kriminali a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. F'dan il-kaz odjern il-partijiet ghaddejjin minn procedura ta' medjazzjoni fejn l-intiza taghha hija li l-partijiet jirrikonciljaw jew jekk le jaslu ghal ftehim bonarju.

"Illi l-artikolu tal-Kostituzzjoni 39(2) indikat mir-rikorrenti jikkontempla

> "a court or adjudicating authority prescribed by law for the determination of the existence or the extent of civil rights or obligations

"waqt li l-artikolu 6 tal-Kovenzjoni jistabilixxi kif ghandu jkun it-Tribunal:

> "in the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him

"Illi kif tikteb **Karen Reid** fil-ktieb *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*:

> "A parent's right to contact with, and custody of, a child constitute "civil rights" the determination of which requires a fair hearing before an independent and impartial tribunal pursuant to Art. 6. In less technical terms, where an important issue concerning a parent's relationship with a child is at stake, a parent should be able to challenge the decision in a Court.

"Illi huwa minnu li fl-istadju bikri tal-medjazzjoni ma tkunx ghadha infethet kawza imma anke f'dak l-istadju jittiehdu certi decizjonijiet mill-Qorti (kustodja, access, manteniment) li jaffettwaw ir-relazzjoni bejn il-genitur u t-tfal u konsegwentement id-drittijiet u obbligazzjonijiet civili taghhom jistghu jigu lesi. Huma minnu li certi decizjonijiet minn dawn ghandhom in-natura ta' mizuri provvisorja.

"Izda kif iddecidiet il-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz **Micallef vs Malta** (15/10/2009):

> "The European Court of Justice ("the ECJ") considers that provisional measures must be subject to the guarantees of a fair trial, particularly to the right to be heard. (Bernard Denilauler vs SNC Couchet Frères (ECJ, Case C 125/79 21 May 1980)).
>
> "The exclusion of interim measures from the ambit of Article 6 has so far been justified by the fact that they do not in principle determine civil rights and obligations. However, in circumstances where many Contracting States face considerable backlogs in their overburdened justice systems leading to excessively long proceedings, a judge's decision on an injunction will often be tantamount to a decision on the merits of the claim for a substantial period of time, even permanently in exceptional cases. It follows that, frequently, interim and main proceedings decide the same "civil rights or obligations" and have the same resulting long-lasting or permanent effects.
>
> "Against this background the Court no longer finds it justified to automatically characterise injunction proceedings as not determinative of civil rights or obligations. Nor is it convinced that a defect in such proceedings would necessarily be remedied at a later stage, namely, in proceedings on the merits governed by Article 6 since any prejudice suffered in the meantime may by then have become irreversible and with little realistic opportunity to redress the damage caused, except perhaps for the possibility of pecuniary compensation (para 78 -80).

"Illi ghalhekk f’dan il-kaz l-Artikolu 6 japplika billi d-decizjoni impunjata tista` taffettwa id-drittijiet jew obbligi civili tar-rikorrent.

"Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi michuda

"**Intempestivita`**

"Illi l-intimat Avukat Generali eccepixxa wkoll illi sabiex ikun jista' jigi stabbilit jekk hemmx lezjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bneidem wiehed irid jezamina l-proceduri fit-totalita taghhom u mhux jiehu episodju partikolari u jishaq fuqu biss.

"Il-Grand Chamber tal-Qorti ta’ Strasbourg fil-kaz **Beuze vs Belgium** (Application no. 71409/10) qalet hekk dwar x’jikkostitwixxi fair trial:

> “1. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see Ibrahim and Others, cited above, § 250). The Court’s primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Bykov vs Russia (GC), no. 4378/02, §§ 94-105, 10 March 2009; Taxquet v. Belgium (GC), no. 926/05, §§ 84 and 93-100, ECHR 2010; Al-Khawaja and Tahery vs the United Kingdom (GC), nos. 26766/05 and 22228/06, §§ 118, and 152-65, ECHR 2011; Dvorski, cited above, §§ 81-82 and 103-13; Schatschaschwili vs Germany (GC), no. 9154/10, §§ 101 and 161-65, ECHR 2015; Blokhin vs Russia (GC), no. 47152/06, §§ 194 and 211-16, 23 March 2016; Lhermitte vs Belgium (GC), no. 34238/09, §§ 69 and 83-85, 29 November 2016; Ibrahim and Others, cited above, §§ 274, 280-94, and 301-11; and Correia de Matos vs Portugal(GC), no. 56402/13, §§ 118, 120, and 160-68, 4 April 2018).
>
> "2. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. (see, for example, Salduz, cited above, § 50; Al-Khawaja and Tahery, cited above, § 118; Dvorski, cited above, § 76; Schatschaschwili, cited above, § 100; Blokhin, cited above, § 194; and Ibrahim and Others, cited above, § 251).

"Huwa meta l-Qorti tezamina il-mertu tal-lanjanza per se li hija tkun tista tiddeciedi jekk il-lanjanza tar-rikorrent hijiex so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. Il-mertu tar-referenza hi l-issigillar tar-rapport tal-avukat tat-tfal minghajr access ghar-rikorrenti biex jarah. Dan irid jigi ezaminat fil-mertu biex

jitqies jekk kienx hemm lezjoni u ghalhekk ma hemmx intempestivita izda l-kwisjoni trid tigi indirizzata f'dan l-istadju.

"Ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**"L-Istat il-garanti tal-harsien tad-drittijiet fundamentali**

"L-intimata Lotino Borg Ritchel eccepiet li hi mhijiex il-legittima kontradittura fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti billi hija ma ghamlet xejn sabiex tat lok ghal ksur allegati tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u ta' Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Hi ma tistax tinzamm responsabbli ghal xi ksur li seta sehh waqt il-proceduri tal-kaz in kwisjoni quddiem l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

"Dan huwa minnu billi huwa l-istat il-garanti tal-harsien tad-drittijiet imhaddnin mill-Konvenzjoni u mhux l-individwu. L-intimata ma kisret l-ebda ligi izda strahet biss fuq il-protezzjoni moghtija lilha mill-ligi domestika u mill-Qorti bhala parti in kawza. Izda minhabba l-integrita tal-gudizzju kif ukoll l-interess taghha sabiex issostni r-ragunijiet taghha hija ghandha tibqa bhala parti f'dina l-kawza.

**"Mertu**

"Kwantu ghal mertu din il-Qorti hija tal-fehma li ladarba l-kaz tressaq quddiemha permezz ta' riferenza minn Qorti ohra, hija ma tistax taghzel li ma tezercitax is-setgha kostituzzjonali taghha milli tqis l-aspetti kostituzzjonali jew konvenzjonali tar-riferenza. Dan ghaliex dik il-Qorti qieset li l-kwestjoni mqanqla la kienet wahda semplicement fiergha u vessatorja u ghalhekk dina l-Qorti hija marbuta tiddecidi u twiegeb il-kwestjoni riferuta lilha.

"Il-kwistjoni riferuta hija sabiex jigi deciz jekk l-ordni tal-Qorti li tissigilla r-rapport kienx jikser id-drittijiet fundamentali tieghu in partikolari d-dritt ghal smigh xieraq.

"Illi kif tikteb **Karen Reid** fil-ktieb taghha fuq riferit b'referenza ghal proceduri kriminali izda l-istess principju japplika anke ghal proceduri civili:

> "The Court has held that the right to an adversarial trial, with equality between prosecution and defendant, means that the defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and evidence adduced by the prosecution.
>
> "There is no absolute right of access however, with acknowledgment to potentially superseding public interests such as national security, witness protection, risk of reprisals, safeguarding police working methods.
>
> "The general principle that only restrictions on the rights of the defence which are strictly necessary are permissible tends to cede to the public

> interest as the Court leaves it to the domestic courts to assess the evidence in such cases but verifies instead whether the procedure followed by the judicial authorities sufficiently counter-balanced the limitations on the defence with appropriate safeguards.' It was therefore compatible with Art. 6 for evidence to be withheld at trial on public interest grounds where the judge reviewed the evidence himself in light of the principle of ordering disclosure if it might further the defence and not so compatible where the material was withheld at trial by the prosecution and only reviewed on appeal by the Court of Appeal ex parte.

"Illi fil-kaz in ezami l-Qorti tista' bil-ligi tissigilla rapport biex tipprotegi l-minuri u tipprevjeni tpattija jew ritorzjoni minn xi parti li ma joghgbux ir-rapport.

"Illi jirrizulta mill-provi akkwiziti li meta r-rapport gie ssigillat mill-Qorti r-rikorrent ma talabx lill-Qorti biex jara x'fih ir-rapport. Ma jirrizultax mill-atti li gie intavolat xi rikors f'dan is-sens jew li kien hemm xi digriet li bih il-Qorti cahditu milli jara x'fih ir-rapport. Minflok ghamel dana r-rikorrent qabad u pprezenta talba ghal referenza kostituzzjonali biex jigi dikjarat li gie les id-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq. Ghalhekk fil-fehma ta' dina l-Qorti sa dan l-istadju fejn il-Qorti tal-Familja ghadha biss issigillat ir-rapport kif tista' taghmel skond il-ligi u anke skond il-konvenzjoni hija ma kisret l-ebda dritt fundamentali tar-rikorrent. Ir-rikorrent ma ghamel l-ebda prova li huwa talab li jara r-rapport u l-Qorti ma hallitux. Dana apparti li r-rikorrent seta liberament jikkontesta d-digriet tal-Qorti bi proceduri gudizzjarji soliti. Il-fatt li rapport jigi sigillat ma jfissirx li dan ma jistax jkun disponibbili ghal parti interessata jekk issir talba ad hoc.

"Minghajr dina c-cahda mill-Qorti ma jistax jinghad li dik il-Qorti did not limit secrecy to the extent necessary to preserve such an interest, cioe biex jinzamm bilanc bejn id-dritt tal-minuri u d-dritt tad-difiza tar-rikorrent.

"Ir-rikorrenti ighid li tnqasslu l-access wara li hareg ir-rapport tal-avukat tat-tfal, izda fil-fehma ta' dina l-Qorti kien hemm ragunijiet bizzejjed ohra ghaliex il-Qorti tal-familja naqqsitlu l-access.

"**Decide**

"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi twiegeb ghall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti Civili (Sede Familja) bid-digriet taghha tad-10 ta' Jannar, 2018, billi ssib illi f'dan l-istadju l-fatt li r-rapport tal-avukat tat-tfal gie issiggillat fuq ordni ta' dik l-Qorti permezz ta' digriet tas-17 ta' Ottubru 2017 per se ma jikkostitwix ksur ta' Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u in partikolari d-dritt tas-smigh xieraq a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad- Drittijiet tal-Bniedem.

"Ghalhekk tordna lir-Registratur ighaddi lura l-atti lill-Qorti riferenti sabiex dik il-Qorti tkun tista' tiddisponi mill-kaz skond din is-sentenza."

**<u>Rikors tal-appell ta' Edward Borg (05.02.2019)</u>**

3. Edward Borg ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha. Huwa bażikament għandu żewġ lanjanzi fir-rigward tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti:

(i) <u>Fl-ewwel lok huwa jirreferi għall-argument tal-ewwel Qorti fejn qalet li ma kienx il-każ fejn huwa kien għamel xi talba quddiem il-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) biex jara r-rapport u tali talba ma ntlaqgħetx</u>.

Huwa jikkritika dan l-argument u jargumenta invece li bil-fatt innifsu li l-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) ordnat (permezz tad-digriet tas-17 ta' Ottubru 2017) li r-rapport tal-Avukat tat-Tfal ikun minnufih issiġillat hija awtomatikament kienet qegħda tiċħadlu l-opportunita` sabiex jara l-kontenut tar-rapport.

(ii) <u>Huwa jirreferi wkoll għall-argument tal-ewwel Qorti fejn qalet li fil-fehma tagħha kien hemm raġunijiet biżżejjed oħra għaliex il-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) naqqsitlu l-aċċess għar-rapport</u>.

Huwa jikkritika dan l-argument ukoll u jaċċenna għall-fatt li kien proprju wara li l-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal li ordnat li l-aċċess ta' bejnu u bejn bintu jiġi rivedut b'mod immedjat.

**<u>Risposta tal-Avukat Ġenerali (15.02.2019)</u>**

4. L-Avukat Ġenerali wieġeb biex jgħid għaliex l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrih.

**<u>Il-proċeduri tal-medjazzjoni fil-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*)</u> :**

5. Edward Borg ippreżenta f'dawn l-atti tar-referenza kostituzzjonali kopja tal-atti tal-proċeduri ta' medjazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) 544/2017 (**DOK EB-A)**[1]**.** (Ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal mertu tal-vertenza odjerna ovvjament mhux inkluż fil-kopja proprju għaliex ġie ssiġillat.) Minn din il-kopja tal-atti jirriżulta s-segwenti:

| | |
|---|---|
| 24.05.2008 | Iżżewġu Edward Borg u Ritchel Lotino. |
| 27.10.2008 | Twieldet binthom Elaine Borg. |
| 03.02.2017 | Edward Borg u Ritchel Lotino Borg iffirmaw |

[1] **Dok EB-A** – fol 30-150

kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, fejn *inter alia* qablu li l-minuri kellha tgħix mal-omm b'aċċess tal-missier skont kif miftiehem.

21.04.2017 Ritchel Lotino Borg inizjat il-proċeduri ta' medjazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) bil-għan li jinbidel il-kuntratt bonarju għaliex skont hi "*qed ikun ta' detriment kbir għall-minuri Elaine Borg.*"

24.04.2017 Il-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) irriferiet l-atti lill-medjatur Godwin Genovese.

11.07.2017 Rikors ta' Ritchel Lotino Borg fejn wara li qalet li bintha kienet qed tallega li missierha kien qed isawwatha, u li kienet qed tirreżisti li tmur għall-aċċess miegħu, talbet li:

(i) jinħatar Avukat tat-Tfal biex jisma' lill-minuri u jħejji rapport dwar il-fatti;

(ii) jiġi ordnat li sakemm jitlesta r-rapport u l-eventwali digriet, l-aċċess tal-missier jiġi

ridott għal darbtejn fil-ġimgħa ta' sagħtejn kull darba, u taħt superviżjoni.

Fil-15.09.2017 il-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) ħatret lil Dr Stephanie Galea bħala Avukat tat-Tfal biex wara li tkellem lill-minuri tirrelata dwar it-talbiet.

Fis-17.10.2017 il-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal u minnufih ordnat li jiġi ssiġillat.

Fis-17.10.2017 wara li rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal, laqgħet it-talbiet u ordnat li l-minuri tara lil missierha darba fil-ġimgħa għal siegħa u nofs taħt superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ.

10.08.2017 Rikors urġenti ta' Edward Borg fejn wara li qal li Ritchel Lotino Borg mhix qed taderixxi mal-obbligi tagħha dwar l-aċċess tiegħu għall-minuri, u li l-minuri kienet qed tallontana ruħha minnu, talab li:

(i) l-modalitajiet tal-aċċess għall-minuri kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni jiġu varjati fis-sens li jibda' jiġborha mill-għassa tal-Mosta;

(ii) l-omm ma titħalliex tiffrustra l-aċċess, inkluż li l-pulizija jiġu ordnati jallontanawha mill-post;

(iii) tagħti l-provvedimenti neċessarji biex l-aljenazzjoni li qed issir fuq il-minuri titwaqqaf darba għal dejjem u jkun jista' jgawdi aċċess liberu favur bintu;

(iv) jiġi akkordat udjenza biex ikun jista' jispjega u jissustanzja d-diffikultajiet li qed toħloq omm il-minuri.

Fit-13.09.2017 il-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) laqgħet l-ewwel żewġ talbiet kif dedotti fir-rikors tal-10.08.2017)

14.09.2017 Rikors urġenti ta' Edward Borg fejn wara li qal li

bintu qed turi sintomi ta' aljenazzjoni fil-konfront tiegħu, talab biex tiġi maħtura bħala espert psikologu lil Dr Carly Aquilina biex wara li tistudja s-sitwazzjoni tal-kontendenti b'mod partikolari fejn hija kkonċernata l-minuri, tagħmel il-konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet tagħha biex is-sintomita' aljenazzjoni tal-minuri jameljoraw ruħhom.

Fil-05.10.2017 il-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) ħatret lil Dr Carmen Sammut bħala espert psikologu.

26.09.2017 Rikors b'urġenza ta' Ritchel Musa Lotino fejn wara li spjegat li minħabba li sabet tikri post fiż-Żurrieq li huwa ta' €100 inqas minn dak li kienet qed tħallas f' Buġibba, talbet biex il-qorti tawtorizzaha tibdel l-iskola tal-minuri minn dik tal-Mosta għal dik taż-Żurrieq.

Fil-11.10.2017 il-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) laqgħet it-talba, b'dan li t-tibdil iseħħ wara l-vaganzi tal-Milied.

31.10.2017 Rikors ta' Edward Borg fejn talab lill-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*): sabiex a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta tagħmel riferenza lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili biex din tal-aħħar tiddeċiedi il-fatt li r-rapport tal-Avukat tat-Tfal ġie issiġillat fuq ordni tal-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) jikkostitwixxix ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, kif protett taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Fid-29.11.2017 il-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) wara li qieset li kienet tqajmet kwistjoni ta' natura kostituzzjonali, u wara li qieset li l-kwistjoni mhix frivola u vessatorja, ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali biex jittrażmetti l-atti lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) biex dik il-Qorti tiddeċiedi dwar il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mir-rikorrent.**

10.11.2017 Il-medjatur Godwin Genovese talab li tingħalaq il-medjazzjoni peress li *"mhux possibbli li jintlaħaq ftehim f'dan l-istadju".*

Fl-14.11.2017 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ċaħdet it-talba "*peress li għad hemm rikors pendenti".*

20.03.2018 <u>Rapport tal-perit psikjatra Dr Carmen Sammut:</u>

fejn ikkonkludiet li d-deċiżjoni li jkun hemm superviżjoni waqt li l-missier ikollu aċċess għal bintu kienet deċiżjoni għaqlija kemm fir-rigward tal-minuri għaliex toffrilha sens ta' sigurta`, u kif ukoll tal-missier għaliex toffrilu protezzjoni minn xi allegazzjonijiet dwar kif jista' jkun qed jittratta lit-tifla.

Irrakkomandat li għandha tiġi kkunsidrata l-possibilita` li l-aċċess ma jibqax isir ġewwa l-Appoġġ, iżda li isir f'post iktar viċin ta' fejn joqgħod il-missier (li jinsab f'wheelchair u għandu problemi ta' mobilita`), u li bil-mod il-

mod għandha tiġi introdotta r-residenza tal-missier bħala post fejn isir l-aċċess b'superviżjoni.

Saħqet li hu importanti li ma jkunx hemm il-preżenza tal-omm fil-viċinanzi għaliex dan żgur jaffettwa l-mod kif iġġib ruħha l-minuri.

**Provi:**

6. Barra l-kopja tal-atti tal-proċeduri ta' medjazzjoni Edward Borg ippreżenta wkoll "**Dok EB-B**"[2] konsistenti fl-affidavit tiegħu maħluf 4 ta' Mejju 2018.

7. **Huwa fl-affidavit tiegħu** spjega li illum il-ġurnata jinsab konfinat f'siġġu tar-roti wara li kien involut f'inċident. Qal li wara li kien weġġa' martu kienet telqet mid-dar bit-tifla u kien anke għamel xhur ma jarax lil bintu, tant li kellu jirrikorri lill-qorti biex jingħata aċċess. Qal li madanakollu l-problemi fir-rigward tal-aċċess għat-tifla kienu frekwenti. Qal li anke wara li hu u martu ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni reġgħu bdew il-problemi fir-rigward tal-aċċess:

- Isemmi inċident fejn kien osserva li t-tifla kellha qasma f'rasha

[2] **Dok EB-B** – fol 152-153.

u li kienet qaltlu li ommha tefgħetilha laptop għal rasha. Qal li ħadha f' klinika u t-tifla stqarret dan mat-tabib.

- Isemmi wkoll li f'xi żmien qabel il-vaganzi tas-sajf tal-2017 il-pulizija kienu infurmawh b'allegazzjonijiet ta' swat da parti tiegħu fuq bintu u qal li kien hemm ukoll allegazzjonijiet li jinsinwaw atti ta' natura sesswali.

- Jilmenta li tul il-vaganzi tas-sajf (2017) qatt ma kellu aċċess għat-tifla.

- Jilmenta wkoll li f'xi żmien omm il-minuri kienet tiġi bit-tifla iżda kif iddoqq il-qanpiena kienet titlaq qabel ma jkollu ċans jilħaq jiftaħ il-bieb.

- Isemmi inċident meta fit-30 ta' Ġunju 2017 għalkemm ġabitlu t-tifla baqgħet quddiem il-garaxx 'il fuq minn għoxrin minuta. Qal li meta bintu rat hekk saret anzjuża u bdiet taqbad il-mugs li kellu fil-garaxx u twaddabhom mal-art. Qal li meta żammha minn idejha biex tieqaf tkisser l-oġġetti l-omm bdiet tiġbet filmat u tgħid li kien qed iweġġa' lit-tifla.

8. Jilmenta li qatt ma ġie mismugħ mill-Avukat tat-Tfal u li ma jafx

x'jgħid ir-rapport peress li dan ġie issiġillat mill-Qorti. Jilmenta wkoll li lanqas kellu udjenza quddiem il-Qorti u ma ġiex mogħti l-opportunita` jgħid dak li qed jgħid fl-affidavit. Isostni li l-Qorti kellha tikkonċedilu l-opportunita` li jara r-rapport sabiex ikun jista' jressaq evidenza biex jirribatti dak li intqal jekk ikun il-każ. Qal li ma jafx jekk hux favurih jew kontrih, iżda peress li l-Avukat tat-Tfal semgħet biss lil bintu, u wara li ddaħħal ir-rapport il-Qorti għaddiet biex tnaqqaslu l-aċċess, huwa jinsab persważ li r-rapport kien kontrih.

9. Aċċenna għall-fatt li eventwalment il-psikologa Dr Carmen Sammut fir-rapport tagħha ikkonkludiet li l-minuri qed tiġi influwenzata minn ommha.

10. Kontro-eżaminat fis-7 ta' Novembru 2018[3] qal li l-Avukat tat-Tfal li kellmet lil bintu qatt ma kellmet lilu. Mistoqsi għalfejn irid jara r-rapport tal-Avukat tat-Tfal wieġeb li jrid jara x'qalet it-tifla; qal li fil-passat it-tifla kienet imġegħla tixhed falz kontrih.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

<u>L-ewwel aggravju</u>

11. Il-Qorti tibda billi tosserva li l-ewwel Qorti kkonkludi li għal dan il-

[3] Xiehda in kontro-eżami – fol 158-161.

każ japplika l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni *".... billi d-deċiżjoni impunjata tista' taffetwa d-drittijiet jew obbligi ċivili tar-rikorrent"* u ċaħdet l-eċċeżżjoni tal-Avukat Ġenerali li l-artikolu 6 ma japplikax. Parti mis-sentenza li dwarha m'hemmx appell.

12. L-ewwel Qorti saħqet fuq il-fatt li wara li l-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) permezz tad-digriet tas-17 ta' Ottubru 2017 ordnat li r-rapport tal-Avukat tat-Tfal jiġi ssiġillat, Edward Borg ma talabx biex jara r-rapport. Qalet li, *"Il-fatt li rapport jiġi ssiġillat ma jfissirx li dan ma jistax ikun disponibbli għall-parti interessata jekk issir talba ad hoc."* Fil-fehma tal-Qorti l-ordni li r-rapport ikun issiġġillat (ara digriet tas-17 ta' Ottubru, 2017 a fol. 117) kienet proprju sabiex ħadd mill-partijiet ma jkollu aċċess għalih. B'hekk ikun assigurat il-kunfidenzjalita` ta' dak li setgħet qalet il-minuri lill-Avukat tat-Tfal li qegħda tieħu ħsieb l-interessi tagħha fil-proċediment.

13. Edward Borg isostni li bil-fatt innifsu li l-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) issiġillatu minnufih, ċaħditu milli jara l-kontenut tiegħu. Hu ovvju li d-digriet tas-17 ta' Jannar, 2017 ingħata sabiex ħadd mill-partijiet ma jkollu aċċess għalih. F'dan il-każ żgur li l-appellant ma kellux l-opportunita` li jitlob lill-Qorti Ċivili sabiex jara r-rapport, għaliex ir-rapport kien preżentat fis-16 ta' Ottubru 2017, fis-17 ta' Ottubru 2017 il-Qorti ordnat *"li jiġi minnufih issiġġillat",* u dakinhar stess ingħata d-digriet finali dwar ir-rikors li ppreżentat l-omm fil-11 ta' Lulju, 2017.

14. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt waħdu li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ordnat li r-rapport tal-Avukat tat-Tfal ikun issiġġillat, waħdu ma jammontax għal ksur ta' smigħ xieraq.

15. L-iskop li jitqabbad Avukat tat-Tfal hu fost affarijiet oħra sabiex il-minuri (li għandha interess f'kwistjoni dwar aċċess għaliha minn missierha) ikollha *a say in the matter*. L-Avukat tat-Tfal taġixxi fl-interess tal-minuri li lilu jkun qiegħed joffrilu sostenn, u marbut bis-sigriet professjonali. Saħansitra l-ġurament li jieħdu qabel jibdew iwettqu d-dmirijiet tagħhom jinkludi, ***".... li ma jiżvelawx ebda informazzjoni li jistgħu jiġu a konoxxenza tagħha fil-qadi ta' dmirijiethom"*** (regolament 3(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20).

16. Hu fatt li kif osservat l-ewwel Qorti is-siġillar tar-rapport jipproteġi lill-minuri fis-sens li jekk per eżempju jkun fih dak li rrakkontat il-minuri lill-Avukat tat-Tfal, dak it-tagħrif ma jiġix żvelat lill-ġenituri. Tagħrif li jista' jkollu impatt negattiv fir-relazzjoni tagħha mal-ġenituri jew ma' xi ġenitur minnhom, u li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jkun għad-disposizzjoni tal-ġenituri tagħha.

17. Pero` jibqa' l-fatt li f'dan il-każ partikolari għall-partijiet baqa' mistur dak li hemm fir-rapport meta mid-digriet hu evidenti li l-Qorti kkunsidratu.

Fil-fehma tal-Qorti meta tittieħed deċiżjoni bħal dik:-

(i) Il-prinċipju ġenerali għandu jkun li l-partijiet ikunu infurmati dwar kull tagħrif li jista' jittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tkun ser tiddeċiedi dwar kwistjoni li tolqot id-drittijiet tal-partijiet;

(ii) Pero` fejn hemm l-interess tal-minuri involut, il-Qorti għandha tikkunsidra jekk *disclosure* ta' dak li qalet il-minuri, jagħtix lok għall-possibilta` reali li ssir ħsara lill-minuri;

(iii) Imbagħad il-Qorti għandha tiżen l-interess tal-minuri mal-interess tal-ġenituri li jkollhom aċċess għal dak it-tagħrif. Il-Qorti għandha tfittex li jintlaħaq bilanċ bejn l-*adverserial principle* u l-protezzjoni u l-interessi tal-minuri, għalkemm jaf ikun hemm ċirkostanzi fejn dan il-bilanċ ma jkun possibbli li jintlaħaq u l-interess suprem tal-minuri jkollha jipprevali.

18. F'dan il-każ mir-rikors li ppreżentat l-omm fil-11 ta' Lulju, 2017 kien evidenti li l-minuri qegħda tallega affarijiet fil-konfront tal-missier. F'dan ir-rigward issir riferenza għar-rapport mediku li sar minn konsulent f'Mater Dei li fih hemm rapportat il-verżjoni li tat il-minuri (fol. 80).

19. Il-Qorti tifhem li quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ikun hemm ta' sikwit każijiet li fihom ikun hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni

urġenti. Pero` f'dan il-każ jidher li ma kien hemm xejn x'iżomm lill-Qorti milli qabel tagħti d-digriet finali dwar ir-rikors tal-11 ta' Lulju, 2017, tagħmel dak li jingħad hawn fuq u tagħti spjegazzjoni għalfejn ir-rapport m'għandux ikun aċċessibbli għall-partijiet. Dan apparti kien ikun ukoll ferm iktar floku li l-Qorti tisma' lill-missier sabiex ikollu l-opportunita` jagħti spjegazzjoni dwar dak li kien ġie allegat fil-konfront tiegħu. Dan iktar u iktar meta tqis li d-digriet wassal sabiex l-aċċess jitnaqqas konsiderevolment.

20. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, dik l-ordni waħedha tal-Qorti Ċivilil (Sezzjoni Familja) ma kisritx il-jedd fundamentali ta' smigħ xieraq tal-appellant.

<u>It-tieni aggravju.</u>

21. L-ewwel Qorti qalet ukoll li fil-fehma tagħha kien hemm raġunijiet biżżejjed "***oħra***" (jiġifieri oltre r-rapport tal-Avukat tat-Tfal) għaliex il-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) naqqset l-aċċess lill-appellant għal bintu.

22. L-appellant, da parti tieghu, jsostni li kien proprju minħabba r-rapport li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) naqsitlu l-aċċess. Min-naħa l-oħra l-ewwel Qorti qalet li fil-fehma tagħha *"kien hemm raġunijiet biżżejjed oħra għaliex il-Qorti tal-familja naqqsitlu l-aċċess"*.

23. Id-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tas-17 ta' Ottubru, 2017 jaqra:-

> *"Reġgħet rat ir-rikors tal-11 ta' Lulu, 2017 u l-atti sussegwenti;*
> *Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal tas-16 ta' Ottubru, 2017.*
> *Tilqa' t-talbiet u tordna li l-minuri tara lil missierha darba fil-ġimgħa għal siegħa u nofs, taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ, fil-ġurnata u l-ħinijiet li tistabbilixxi l-istess Aġenzija.*
> *Il-Qorti tordna notifika ta' dan id-digriet lill-Aġenzija Appoġġ a karigu tar-Reġistratur tal-Qorti".*

24. Jirriżulta li fis-17 ta' Ottubru 2017 l-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) ordnat li r-rapport jiġi ssiġillat u dakinhar stess tat id-digriet finali tal-11 ta' Lulju 2017. Issa għalkemm f'dak ir-rikors tal-11 ta' Lulju 2017 omm il-minuri kienet talbet li l-aċċess kellu jkun ridott għal darbtejn fil-ġimgħa u kellu jkun ta' sagħtejn kull darba b'superviżjoni, il-Qorti Ċivili (*Sezzjoni Familja*) marret *oltre* għaliex fil-fatt ordnat li l-aċċess ikun biss ta' darba fil-ġimgħa għal siegħa u nofs kull darba u b'superviżjoni min-naħa tal-aġenzija Appoġġ.

25. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan hu każ klassiku ta' digriet mingħajr motivazzjoni adegwata. Fid-digriet il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ċivili) ma qalitx x'kienet ir-raġuni għalfejn naqqset l-aċċess b'dak il-mod. Hu essenzjali li digriet ta' dik ix-xorta, irrispettivament mill-fatt li bih il-kwistjoni dwar l-aċċess ma ġietx determinata b'mod defenittiv, ikollu motivazzjoni ċara. Il-partijiet f'proċeduri għandhom dritt li jkunu infurmati bir-raġunijiet li jkunu wasslu lill-Qorti sabiex tiddeċiedi. Hekk biss issir ġustizzja li tidher.

Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-posizzjoni li ħadet l-ewwel Qorti li kien hemm raġunijiet biżżejjed oħra għaliex il-Qorti tal-Familja naqset l-aċċess tal-appellant għal bintu. Ir-raġunijiet wara d-deċiżjoni tal-Qorti, għandhom jissemmew b'mod ċar fid-digriet. Li l-Qorti fid-digriet tgħid biss li l-Qorti rat ir-rikors, l-atti u r-rapport tal-Avukat tat-Tfal m'huwiex biżżejjed.

26. Hu veru li bid-digriet tas-17 ta' Ottubru 2017 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma ddeterminatx il-kwistjoni dwar l-aċċess b'mod defenittiv. Pero` hu evidenti li l-partijiet m'humiex ser jilħqu ftehim u eventwalment il-kwistjoni għad trid tkun deċiża f'kawża. Madankollu jibqa' l-fatt li d-digriet tas-17 ta' Ottubru 2017 daħal fis-seħħ minnufih u ma jirriżultax li sal-lum reġa inbidel. Iż-żmien f'digrieti dwar aċċess għall-minuri hu fattur importanti, u jwassal għal konsegwenzi fuq ir-relazzjoni li ġenitur ikollu mal-wild. Għalhekk ukoll tkompli tiżdied il-ħtieġa li digrieti ta' dik ix-xorta għandhom ikunu motivati u mhux sempliċement jingħad li l-Qorti rat ir-rikors u l-atti ta' wara u r-rapport tal-Avukat tat-Tfal.

27. Meħud in konsiderazzjoni dak li ntqal fir-rigward taż-żewġ aggravji tal-appellant, il-Qorti tikkonkludi li l-issiġġillar tar-rapport tal-Avukat tat-Tfal abbinat mal-għoti ta' digriet dwar aċċess mingħajr ebda motivazzjoni, iwassal għal ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Digriet dwar aċċess ta' minuri mingħajr motivazzjoni hu

diġa` difettuż minnu innifsu, u dan iktar u iktar meta mid-digriet hu evidenti li l-Qorti kkunsidrat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal li ħadd mill-partijiet ma kellu aċċess għalih.

Għal dawn ir-raġunijiet tilqa' l-appell ta' Edward Borg u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tad-29 ta' Jannar, 2019 billi tiddikjara li d-digriet li ngħata fis-17 ta' Ottubru, 2017 li bih tnaqqas l-aċċess ta' Edward Borg għal bintu minuri, jikser id-dritt ta' smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għaldaqstant, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tipproċedi billi tqies li l-partijiet qegħdin fil-posizzjoni li kienu eżatt wara li l-istess Qorti ordnat l-issiġġillar tar-rapport.

Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-Avukat Ġenerali.

Tordna lir-Reġistratur sabiex ipoġġi kopja awtentikata ta' din is-sentenza fl-atti tal-proċeduri relattivi tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex dik il-Qorti tipproċedi skond ma ġie deċiż f'din is-sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Registratur
gr